MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### SILVIO MELI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 708/2014

***APS Bank Limited***

**(Reg. Numru C – 2192)**

**vs**

1. ***W and A Holdings Limited***
   **(Reg. Numru C – 20899)**

   **bhala debitrici principali u**

2. **Noel k/a Wilfred Zammit**
   **I.D. Numru 25361 (M) u**

**3. Antoinette Zammit**

**I.D. Numru 510761 (M)**

**bhala garanti *in solidum***

**ta' W and A Holdings Limited**

**(Reg. Numru C – 20899)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-11 t'Awwissu, 2014, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti fuq indikata sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` intimata hi d-debitrici principali tas-socjeta` rikorrenti;

1.2. Illi l-intimati Noel sive Wilfred Zammit u Antoinette Zammit huma garanti *in solidum* tas-socjeta` intimata debitrici principali;

1.3. Illi skont il-kuntratt datat it-22 ta' Mejju, 1998, in atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa`, l-ammont dovut mill-istess intimati fuq imsemmija lis-socjeta` rikorrenti hu ta' tnejn u erbghin elf u sebgha u sittin Ewro u sitta u hamsin centezmu, (€42,067.56), (ara foll 6);

1.4. Illi l-ammont komplessiv dovut mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti hu dovut ghal self u interessi kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2, 11 u 13);

1.5. Illi l-intimati huma moruzi fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

1.6. Illi nonostante li l-intimati gew debitament interpellati biex ihallsu l-ammont komplessiv minnhom dovut lis-socjeta` rikorrenti, baqghu inadempjenti;

1.7. Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex l-intimati jghidu ghaliex din m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara lill-intimati moruzi u inadempjenti fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

1.7.2. Tikkundanna lill-istess intimati biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta' tnejn u erbghin elf u sebgha u sittin Ewro u sitta u hamsin centezmu, (€42,067.56), kif indikat fl-istess talbiet kontenuti fir-rikors guramentat promotur, (ara foll 3);

1.7.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors in dizamina u bl-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Jannar, 2014, sad-data tal-effettiv pagament;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha esposti mis-socjeta` rikorrenti;

3. Stabbilit li l-intimati gew debitament notifikati bir-rikors guramentat promotur u bl-aviz relattiv ghas-smigh tal-istess;

4. Semghet ix-xhieda tal-intimat Noel *sive* Wilfred Zammit li f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` intimata u tal-ko-intimata Antoinette Zammit ammetta it-talbiet tas-socjeta`

rikorrenti u dan, nonostante li kien ukoll konsapevoli li l-intimati kollha qeghdin fi stat ta’ kontumacja;

5. Illi l-istess intimat indikat fil-paragrafu precedenti informa lill-qorti ukoll li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet li permezz tieghu gie wkoll konkretizzat *iter* specifiku ghall-pagamenti dovuti mill-intimati favur is-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

6. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi;

**DECIDE:**

7.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti:

7.1. Tiddikjara lill-intimati moruzi u inadempjenti fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

7.2. Tikkundanna lill-imsemmija intimati biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta’ tnejn u erbghin elf u sebgha u sittin Ewro u sitta u hamsin centezmu, (€42,067.56), kif deskritti fl-istess talbiet kif kontenuti fir-rikors guramentat promotur;

7.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors *de quo* u bl-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Jannar, 2014, sad-data tal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------